





Kwadri ex-voto fil-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi li se jkunu esebiti waqt din il-wirja

# Wirja storika dwar kwadri ex-voto fil-Kappella tal-Ħniena fil-Qrendi

**George Maggi**

Il-bniedem kemm-il darba jsib ruħu fi problemi ta' mard, traġedji, inkwiet, il-qilla tal-baħar, inċidenti fit-toroq u bosta u bosta ġrajjiet li jistgħu jtemmulu ħajtu. Sadattant hu kemm-il darba jdur lejn il-qawwa sopranaturali biex tagħtih l-għajnuna f'dan l-inkwiet li jħabbat wiċċu miegħu.

Meta jagħmel dan, ġieli jwiegħed li jagħti flus, oġġetti, jew imqar pitturi jew forom ta' metall jekk kemm-il darba jaqla' l-grazzja li joħroġ minn dak l-inkwiet.

Fl-imgħoddi x'aktarx li dawn il-wegħdiet magħrufa bħala *ex-voto* kienu aktar komuni u bosta knejjes kienu jintlew b'dawn il-pitturi jew forom ta' metall.

Fl-okkażjoni tal-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Qrendi, il-kumitat organizzattiv li ħa ħsieb l-attivitajiet ta' dan l-anniversarju, se jtella' wirja l-ġimgħa d-dieħla b'uħud mill-kwadri *ex-voto* fil-Kappella tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

Dan is-Santwarju fl-imgħoddi kien jiġbed lejh bosta pellegrini li kienu jagħmlu minn dawn il-wegħdi biex il-Madonna tal-Ħniena taqlgħalhom xi grazzja u toħroġhom minn xi inkwiet.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi nbena fl-1650, wara li l-kappella li kien hemm qabel ġiet dekonsagrata minn Monsinjur Pietro Duzina fl-1575. Fl-1668 il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena żdiditilha s-sagristija.

Il-Kappillan tal-Qrendi Dun Glen Buhagiar ta tagħrif dettaljat dwar din il-kappella. Fost l-oħrajn hu qal li l-ewwel ħaġa li ta' min jinnota hu l-portiku li hu magħmul forma ta' L. Dan sar hekk biex jilqa' lill-pellegrini jagħtihom kenn mill-elementi tax-xemx u x-xita. Il-Kappillan żied li dan is-Santwarju għad għandu devozzjoni sal-lum u għalkemm il-kappella tneħħewlha l-inkwadri li qegħdin merfugħin fil-knisja parrokkjali, fit-tieqa tas-santwarju d-devoti dejjem jaraw li jkun hemm xema' tixgħel.

Hu spjega li kwadru *ex-voto* hu kwadru ta' ringrazzjament minn wegħda li jkun qala' l-individwu. Dan ikun għamel xi talba, jew ikun f'xi periklu, jew ikun inqalgħalu xi inċident, u jagħmel talba bl-interċessjoni jew tal-Madonna f'dan il-każ tal-Madonna tal-Ħniena, li jekk ifiq jew jekk wara xi maltempata jew wara xi saram jirritorna lura lejn daru qawwi u sħiħ, jagħmel inkwadru lill-Madonna.

Dawn l-*ex-voto* b'mod speċjali l-pitturi konna narawhom fi żmien il-Kavallieri. Għalhekk għandna diversi kwadri ta' Kavallieri jew Kaptana fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann li ħallew xi tifkiriet hawnhekk, kif ukoll diversi wegħdi oħra jew ta' xi mard, jew inkella tal-ħlas.

Fl-aħħar nett Dun Glen Buhagiar spjega li x-xewqa tal-Qrendin issa hi li dan is-santwarju jiġi restawrat biex is-sbuħija tiegħu tkun tista' tit-gawda minn kulħadd.